**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 34 / 2022**

**Il- Pulizija**

**-vs-**

**Elton Mangion**

Illum 3 ta' Mejju 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Elton Mangion bin Lazzaro u Rita nee' Degabriele, residenti gewwa 66, F13, Triq it-Tramuntana, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' numru 487688 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

B' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda ghax-xhur minn Dicembru 2020, Jannar 2021, Frar 2021 u Marzu 2021:

(1) Meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt naqas li jaghti lil Charlene Musu' u/jew lil uliedu is-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar is-26 ta' Jannar, 2022, fejn il-Qorti wara li rat rat l-Artikoli-338(z), 18 u 31 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta:

Sabet lill-imputat Elton Mangion hati tal-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu u konsegwentement ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sena (1) mill-llum u ordnat wkoll li ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat ihallas kwalunkwe pendenzi li jista' jkun hemm ghall-perijodu mertu ta' din il-kawza lil Charlene Musu.

Din il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lil hati.

Rat ir-rikors tal-appellanti Elton Mangion minnu pprezentat tal-14 ta' Frar, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogghboha tilqa' dan l-appell u tirrevoka, tannulla u thassar s-sentenza b' dan illi tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom u tirrevoka ukoll l-ordni moghtija ai termini tal-Artiolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, jogghobha thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u minn ezami tal-istess jirrizulta li din hija netta minghajr ebda kontavenzjoni jew reat registrat fuqha.

Rat illi l-aggravji jikkonsistu fis-segwenti:-

1. Illi l-**Ewwel Aggravju** huwa car u manifest in kwantu l-esponenti bir-rispett jirrileva illi huwa ma nghatax id-dritt li jikkonsulta ma' Avukat. Harsa lejn l-affidavit ta' PC 205, imkien ma jissemma' illi l-imputat meta ttiehdet il-verjoni tieghu gie moghti lilu id-dritt li jikkonsulta ma' avukat. Lanqas ma giet moghtija lill-imputat appellant il-kawzjoni dwar id-dritt li izomm s-silenzju u ma jirrispondix ghad-domandi. B' hekk l-istqarrija tieghu ghandha tigi sfilzata bhallikieku qatt ma saret.

   Meta wiehed jirreferi ghas-sentenza li qed tigi hawn appellata wiehed isib illi l-Qorti tal-Magistrati ghamlet ampja riferenza ghal din l-istess verzjoni ta' l-imputat, hekk li anke insibu:-

   > *"Jidher ukoll minn dak rrapurtat illi meta l-pulizija tkellmu mal-imputat wara r-rapport in kwistjoni hu filfatt ikkonferma li ma kienx qed ihallas manteniment peress illi kellu xi kwistjonijiet pendenti koncernanti access ta' uliedu izda beda jrodd kollox lura kif suppost kellu jtiha skond dan id-digriet."*

   > *"Illi apparti ghall-fatt illi din l-verzjoni ma taqbilx ma' dak allegat originarjament mill-imputat meta mitkellem mill-pulizija wara li sar ir-rapport kontra tieghu, u dan peress li ma sar assolutament l-ebda accenn ghal dak allegat minnu seduta stante quddiem dina l-Qorti..."*

   L-istqarrija ta' l-imputat appellant minghajr ma nghata d-dritt li jikkonsulta avukat u minghajr ma nghata l-kawzjoni li ghandu dritt li ma jwegibx jinsabu fil-pern tas-sentenza u ghalhekk ladarba titnehha din l-isqarrija ittiehdet mil[-imputat bi ksut lampanti tad-drittiiet tieghu, s-sentenza appellata ma treggiex aktar.

   Konsegwentement is-sentenza hawn appellata ghandha tigi annullata.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-**Tieni Aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-istess digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Ottubru 2020 naqas milli jindika minn meta hu hekk dovut l-istess manteniment u lanqas ma indika kif kellu jithallas.

   Infatti id-digriet semplicement jaqra hekk:-

   > *"Tilqa' l-ewwel talba, b' dana illi tiffissa r-retta alimentari fis-somma ta' €400 pagabbli fix-xahar, oltre nofs l-ispejjez ordinarji ta' sahha u edukazzjoni."*

   Jidher car ghalhekk illi imkien ma jindika dan id-digriet li fuqu hija msejsa l-azzjoni kriminali minn meta kellu jibda jithallas, u kif kellu jithallas dan il-manteniment jekk hux bil-quddiem jew inkella b' lura.

   Waqt it-trattazzjoni tal-kawza gie pprezentat dan l-istess digriet u kollox waqaf hemm – ma giex ippruvat minn meta effettivament dahal in vigore u kif kellu jithallas jekk hux bil-quddiem jew b' lura.

   Stabbilit dan kollu il-prosekuzzjoni baqghet ma ppruvatx minn meta bdew jiddekorru il-hmistax-il gurnata stipulati fl-Artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali.

   In parallell ma' dan l-esponenti appellant jislet ezempju ma' kuntratt ta' kirja fejn hu tassattiv bil-ligi li mhux biss jitnizzel minn meta ser tibda' l-kirja imma anke kif se tithallas l-istess kirja – dan naturalment sabiex ma jkunx hemm ekwivoci. U hekk, stabbilit il-perjodu u minn meta hu hekk dovut u kif ser jithallas – ikun carissimu meta l-kerrej jonqos milli ihallas jew ihallas tardivament.

Dan ma jistax jinghad ghal kaz odjern fejn la hemm minn meta kellu jibda hekk jithallas u lanqas jekk jithallasx kull xahar bil-quddiem, jew inkella b' lura.

Il-Qorti tal-Magistrati rinfaccjata b' dan id-digriet ma setghet tiehu l-ebda assunzjoni, ma setghet tassumi xejn.

Effettivament ma seta' jigi ppruvat xejn peress illi kollox jippernja ma' dan l-istess digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li minnu inniffsu ma jindikax minn meta u kif ser jithallas il-manteniment.

Mhux ta' b' xejn illi ma giex stabbilit fis-sentenza x' pendenzi ghad fadal x' jithallsu, jekk hu l-kaz, tant illi l-istess sentenza hawn appellata tghid biss *"tordna wkoll illi ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat ihallas kwalunkwe pendenzi li jista' jkun hemm ghall-perjodu mertu ta' din il-kawza lil Charlene Musu."*

Konsegwentement l-esponenti appellant ghandu jigi liberat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-**Tielet Aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi hemm kunflitt shih ta' provi u ghalhekk l-imputat kellu jigi liberat.

Qabel xejn jekk wiehed jara l-affidavit ta' PC 205 dan ikkonferma illi l-parte civile" stqarret li l-ex-partner taghha....falla biex itiha manteniment tax-xhur Dicembru 2020 Jannar 2021, Frar 2021 u Marzu 2021 bil-hmistax-il jum cans. Charlene kompliet tghd li Elton suppost itiha 400euro fl-ahhar ta' kull xhar ghal spejjez ordinarji ta' sahha u edukazzjoni hekk kif ordnat minn Onor. Imhallef Antonio G. Vella B.A. LL.D. M.A. Dattat 30 ta' Ottubru 2020 Rikors No. 60/2020

AGV."

Intant ma giet prodotta l-ebda prova minn naha tal-parte civile dwar l-allegati spejjez ordinarji ta' edukazzjoni u sahha li baqghu ma thallsux meta r-rapport sar dwar dan.

Anzi l-istess parte civile meta xehdet f' dawn il-proceduri ukoll ma kienetx f' pozizzjoni li tindika x' inhu l-ammont dovut mill-appellant.

Lanqas fis-sentenza appellata ma gie stabbilit mill-Qorti x' inhu l-ammont allegatament pendenti jew li thallas tard.

Imkien fis-sentenza ma ssemmiet xi cifra ta' flus li thallset tardivament jew xi xahar li baqa' hekk pendenti.

Lanqas fid-decide ma gie determinat xi thallas jew x' ma thallasx u lanqas xi thallas tardivament tant illi is-sentenza titkellem biss dwar "pendenzi li jista' jkun ghall-perjodu mertu ta' din il-kawza" inghajr ma tindika ebda ammont.

Dan kollu juri nuqqas ta' konvinciment minn naha tal-Qorti tal-Magistrati dwar ammonti dovuti jew li thallsu tard – tant illi ma kien hemm l-ebda pronunzjament dwarhom – dan fih inniffsu jikkostitwixxi dubju ragjonevoli li kellu imur favur l-imputat.

Dan kollu iwassal ghal konkluzjoni wahda – illi bir-rispett kollu dovut, l-imputat kellu ikun liberat fuq kunflitt ta' provi.

Ghaldaqstant l-appellant ghandu jigi liberat minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-**Raba' Aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi d-Digriet relattiv kellu jigi notifikat lil partijiet u l-parte civile ex admissis giet notifikata bl-istess digriet biss f' Jannar 2021.

X' ifisser dan u ghaliex qed jinghad dan kollu?

L-esponenti jikkwota verbatim hawnhekk minn dak migjub bhala aggravju f' appell fl-ismijet "**<u>Il-Pulizija vs Marita Bugeja</u>**" deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali Onor. Imhallef David Scicluna Appell Kriminali Numru 297/2014 deciz fil-25 ta' Marzu 2015 (liema aggravju gie riprodott fl-istess sentenza hawn citata pero' sfortunatament minhabba kif zvolgew l-affarijiet dan l-aggravju ma giex indirizzat mill-Qorti):-

> *"Qatt ma nghatat l-ordni u notifikata lill-esponenti. Lanqas id-digriet ma jghid li jigi notifikat lill-esponenti u l-ordni tinghata lilha. Kull ordni tal-Qorti trid iggib il-firma tar-Registratur u tigi notifikata. Hu llegali l-kuncett li n-notifika hija presuna. U hawn fil-kamp kriminali.*
>
> *"Is-sentenzi jinqraw fil-pubbliku, u ghalhekk kulhadd hu presunt li jaf bihom. Id-digriet in camera, jibqghu in camera sakemm jigu regolarment notifikati.*

*"Jista' Mhallef jew Magistrat jikkundanna xhud ghad-disprezz jekk ma jkunx notifikat? Tista' kawza timxi jekk ma jkunx hemm notifika bil-gurnata ghas-smiegh, minkejja li jkun l-attur stess li fetah il-kawza u jaf biha? Kull meta jinghata digriet in camera naturalment li trid tigi notifikata, ghax inkella l-ordni tibqa' fil-kexxun."*

Meta jinghata digriet ta' manteniment dan, normalment jiehu in konsiderazzjoni l-istat finanzjajarju tal-partijiet sabiex hekk il-Qorti tizen kemm

jiflah ihallas fix-xahar il-parti l-ohra.

Ikun kontrassens illi digriet moghti f' Ottubru 2020 jigi notifikat ghal grazzja ta' l-argument f' Jannar 2021 hekk li l-imputat ikollu johrog il-flus €400 ghal kemm xhur li suppost kellu jithallas il-manteniment u sadanittant xorta wahda il-hmistax-il gurnata ikunu skadew u taru!

Maghdud dan kollu wiehed ma jistax ma jinnotax illi l-istess parte civile stess, ammettiet illi saret taf biss dwar id-digriet f' Jannar 2021! L-istess parte civile stess meta mistoqsija kif seta' ihallasha l-imputat fi zmien hmistax-il gurnata jekk lanqas biss kien jaf – hija wiegbet bl-aktar mod car u naturali - "Le ma nafx, le".

Anke meta mistoqsija mill-Qorti: Mela November 2020 inti kont diga koperta bid-digriet? Kellek tiehu xi haga ta' Novembru 2020?" l-parte civile wiegbet car u tond hekk:- "Imma ma konniex nafu bih. Minn dak iz-zmien. F' Jannar sirna nafu."

Fi kwalunkwe kaz kien jispetta lill-prosekuzzjoni u lil parte civile illi tipprova illi d-digriet gie debitament notifikat lill-imputat.

Effettivament u fir-realta' id-digriet lanqas biss gie notifikat lilha li ressqet it-talba taghha b' rikors ahseb u ara kem gie notifikat lill-imputat.

Il-Qorti tal-Magistrati ccitat sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) per Mhallef David Scicluna datata 18 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet "**<u>Pulizija vs Joseph Brincat</u>**":- "*Id-digriet imsemmi huwa effettiv kontra l-appellant ukoll jekk ma giex notifikat lilu.*"

Tabilhaqq meta wiehed jikkonsulta l-istess sentenza isib li l-paragrafu relattiv

jaqra hekk u hawn qed jigi riprodott fl-intier tieghu:-

> *"Id-digriet imsemmi huwa effettiv kontra l-appellant ukoll jekk ma giex notifikat lilu. F' dan il-kaz imbaghad hemm ix-xhieda ta' Veronica Brincat li gietx kontradetta li tghid li meta talbet il-flus lil zewgha, l-appellant, id-digriet qattghu u remihulha ma' wicca."*

Dan juri illi l-fattispecje tal-kawza citata mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza hawn appellata hija ghal kollox differenti mill-kaz odjern – bizzejjed wiehed jikkonsidra illi l-istess *parte civile* ghal darba darbtejn fix-xhieda taghha tenniet illi ma kienetx taf bl-imsemmi digriet datat 30 ta' Ottubru, 2020 u saret taf bih biss f' Jannar 2020.

Rizultat ta' dan ghandu ikun liberat l-appellant minn kull akkuza migjuba kontrieh.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-**Hames Aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi il-meta l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha ordnat "li ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat kellu ihallas kwalunkwe pendenzi li jista' jkun hemm ghall perjodu mertu ta' din il-kawza lil Charlene Musu." jigi rilevat illi tali ordni ghal hlas kellha tikkwantifika l-ammont u dana kif ser jigi trattat ahjar waqt dan l-appell.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-**Sitt Aggravju** huwa car u manifest u jikkoncerna il-piena fis-sens illi l-appellant "gie misjub hati tal-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu u konsegwentement ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tillberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) millum." hija wahda rigoruza ferm u hemm lok illi din tigi riveduta ghal perjodu ferm aqsar tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia' spjegati u kif ser jigi trattat ahjar waqt dan l-appell.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan ir-rikors tal-appell fis-seduta tal-5 ta' April, 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi qabel ma din il-Qorti sejra titratta mal-aggravji sollevati fir-rikors tal-appell sejra tezamina in funditus ix-xhieda prodotta mill-partijiet.

Il-prosekuzzjoni pprezentat l-affidavit ta' **PC 205 R Camilleri** f'dawn l-atti u spjega li nhar is-26 ta' Marzu, 2021 ghall-habta tas-19.30 il-kwerelanti irrikorriet l-ghassa tal-pulizija ta' B'kara u din stqarret li l-ex partner taghha Elton Mangion falla biex itiha l-manteniment tax-xhur Dicembru, 2020, Jannar, 2021, Frar 2021 u Marzu 2021 bil-hmistax-il jum cans. Charlene kompliet tghid li Elton suppost jghatiha s-somma ta' €400 fl-ahhar ta' kull xahar ghall-ispejjez ordinarji ta' sahha u ta' edukazzjoni hekk kif ordnat minn Onor Antonio Vella datat 30 ta' Ottubru, 2020. Charlene pprezentat id-digriet ittimbrat sabiex huwa jkun jista imexxi l-akkuzi ghal Qorti.

Nhar it-22 ta' April, 2021 l-akkuzat irrikorra l-ghassa sabiex jghati l-verzjoni tieghu rigward ir-rapport li sar fil-konfront tieghu. Huwa stqarr li " *Dak iz-zmien kelli problemi bil-Qorti u lit-tfal dak iz-zmien ma kontx narhom u mohhi tghani biex ma naghtix manteniment izda issa qed inrodd kollox dak li suppost naghti.* "

Rat ix-xhieda moghtija viva voce il-Qorti tal-Kwerelanti **Charlene Musu** u spjegat li fi Frar 2021 taha is-somma ta' elf euro u mistoqsija ghal liema xhur ikopru dawn il-flejjes tghid li ma tafx. Ikkonfermat li l-akkuzat ghandu ihallasha is-somma ta' €400 mensilment. Tghid li saret taf bid-digriet f'Jannar 2021. Tghid li fil-5 ta' Mejju 2021 l-akkuzat ghamel pagament ta' €368 u mhux ta' €400. Sar pagament iehor fis-7 ta' Lulju 2021 ukoll fl-ammont ta' €368 u mhux ta' €400. Ix-xhud pprezentat id-digriet li inghata mill—Qorit tal-Familja numru 60/2020 AGV datat 30 ta' Ottubru 2020 kif ukoll rikors prezentat minnha nhar is-16 ta' Ottubru 2020.

Mistoqsija in kontro-ezami kif saret taf bid-digriet u cioe jekk ircevitx xi notifika tghid li kien l-avukat taghha li infurmaha dwaru. Ikkonfermat li hija pprezentat ir-rapport taghha fil-konfront tal-appellant nhar is-26 ta' Marzu, 2021. Mistoqsija kemm ghad baqghalha tiehu manteniment dwar ix-xhur indikati fl-akkuza tghid li ma tafx.

Rat id-digriet esebit u markat bhala Dok CM a fol. 18 ta' l-atti u minn esami ta' l-istess jirrizulta li l-akkuzat gie ordnat b'digriet datat 30 ta' Ottubru 2020 sabiex ihallas lill-kwerelanti Charlene Musu is-somma ta' €400 kull xahar oltre nofs l-ispejjez ordinarji ta' sahha u ta' edukazzjoni.

Rat it-tlett ircevuti esebiti mill-kwerelanti waqt ix-xhieda taghha fejn hemm ikkonferma li Dr. Michele Cardinali ircieva tlett pagamenti kif spjegati mill-kwerelanti fix-xhieda taghha bhala manteniment minghand l-akkuzat u dan fl-ammont ta' €1,000 nhar it-18 ta' Frar 2021, is-somma ta' €368 nhar il-5 ta' Mejju 2021 u is-somma ta' €368 nhar is 7 ta' Lujlju 2021. Jigi rilevat li f'dawn it-tlett ricevuti ma hemmx indikat il-perijodu li qed ikopru dawn il-hlasijiet.

L-akkuzat appellant ma xehedx, kif kellu kull dritt jghamel u lanqas ressaq provi in sostenn tad-difiza tieghu kif ukoll, kellu kull dritt li jghamel.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel aggravju jirrizulta li minn ezami ta' l-atti ma jirrizultax li l-appellant inghata id-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat meta mar l-ghassa biex jitkellem mal-pulizija u lanqas ma jirrizulta li nghata d-dritt tieghu li jezercita id-dritt tas-silenzju minkejja li dan hu dritt naxxenti kemm mill-kodici kriminali kif ukoll mill-Kostituzzjoni ta' Malta. Illi ghalhekk anke in segwitu tal-EU Direttiva 2013/48 ix-xhieda moghtija mill-appellant lil PC 205 ghandha tigi skartata *in toto* kif tajjeb irrileva l-appellant fl-ewweel aggravju tieghu pero dan il-fatt u cioe in-nuqqas ta' dritt ta' 'assistenza legali u in-nuqqas ta' dritt ta' silenzju lill-appellant ma iwassalx ghan-

nullita tal-proceduri izda iwassal biss sabiex dak kollu li inghad mill-apellant *a tempo vergine* tal-investigazzjoni jigi skartat u b'hekk dan ifisser li ma ssir l-ebda referenza ghal tali xhieda fl-ebda parti tas-sentenza tal-Qorti kuntrarjament ghal dak li ghamlet l-ewwel Qorti. Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi milqugh.

Fit-tieni aggravju l-appellant jistqarr li imkien fid-digriet moghti mill-Qorti tal-Familja nhar it-30 ta' Ottubru 2020 "*ma hemm indikat minn meta jekk hu dovut il-manteniment u lanqas ma indika li kellu jithallas*". Il-Qorti ghalhekk ezaminat id-digriet moghti u jirrizulta li d-digriet huwa datat 30 ta' Ottubru 2020 (vide Dok CM a fol. 18 tal-atti). Hemm indikat li l-Imhallef kien qed jilqa l-ewwel talba rikorrenti u cioe ta' Charlene Musu b'dan illi ghalhekk kien qed jilqa it-talba taghha li jigi fissat ir-retta alimentari ghall-uliedhom minuri Llona u Zelodie ahwa Mangion. Mhux talli hekk izda imbaghad kompla jiffissa r-retta alimentari dovuta fis-somma ta' €400 pagabbli fix-xahar ghaz-zewg ulied minuri oltre li ordna li l-akkuzat appellant ghandu ukoll ihallas nofs l-ispejjez ordinarji ta' sahha u edukazzjoni. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant jistqarr li ma hemmx ordni ta' hlas fid-digriet. Dwar il-kwistjoni li ma hemmx indikat perijodu min meta ghandu jkollu effett dan id-digiret jinghad li peress li l-Qorti tal-Familja ma indikatx data retrospettiva ghal prezentata tar-rikors, id-digriet ghandu jinftiehem li ghandu ikollu effett mid-data ta' meta gie moghti u b'hekk mit-30 ta' Ottubru 2020. Dan it-tieni aggravju ghalhekk qed jigi michud.

Dwar it-tielet aggravju l-appellant jghid li hemm kunflitt ta' provi u li ghalhekk l-appellant ma kellux jinstab hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu. Jinghad li l-kwerelanti Charlene Musu verament ma kienitx cara fix-xhieda taghha pero indikat il-hlasijiet li kienet irceviet minghand l-appellant rapprezentanti manteniment dovut lill-uliedha. Jigi rilevat li fir-ricevuti prezentati fl-atti u li ma gewx kontestati mill-appellant, huwa hallas is-somma ta' €1,736. Dan ifisser li huwa hallas il-manteniment dovut mit-30 ta' Ottubru 2020 sat-30 ta' Novembru, 2020, mit-30 ta' Novembru, 2020 sat-30 ta' Dicembru, 2020. Mit-30 ta' Dicembru, 2020 sat-30 ta' Jannar, 2021, u mit-30

ta' Jannar 2021 sat-30 ta' Frar, 2021. Ghalhekk mis-somma ta' €1736 li huwa ghadda lill-kwerelanti din is-somma tkopri erba' xhur fl-ammont ta' €1600 u hemm bilanc ta' €136 bhala parti mill-hlas dovut mit-30 ta' Jannar, 2021 sat-30 ta' Frar, 2021. M'hemmx dubbju ukoll li tali hlasijiet saru tardivament. Ghalhekk l-appellant sa llum ghad baqghalu ihallas is-somma ta' €536 biex ikopri l-manteniment kollu li qed jigi mitlub fil-kawza odjerna. Illi din il-prova rrizultat mix-xhieda moghtija mill-kwerelanti u mid-dokumenti esebiti minnha li fl-ebda hin ma gew kontestati mill-appellant. Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi, il-kwerelanti pprovat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li verament l-appellant ma aderiex ruhu mad-digriet moghti mill-Qorti tal-Familja.

Dwar ir-raba' aggravju l-appellant jghid li l-appellant ma kienx marbut bid-digriet moghti mill-Qorti tal-Famija ghaliex ma kienx gie notifikat bih. Jirrizulta li l-appellant kien jaf bil-prezentata tar-rikors tal-kwerelanti (Rikors numru 60/2020) ghaliex kien ipprezenta risposta fl-atti tieghu. Ghalhekk kien mistenni lilu li jsegwi l-andament ta' dawk il-proceduri ghaliex kien proprju fl-interess tieghu li jghamel dan. Sfortunatament ma hiex drawwa li dawn it-tipi ta' digrieti jigu notifikati ufficcjalment mill-Qorti lill-partijiet, izda huma l-partijiet li ghandhom isegwuhom. Din il-Qorti rat is-sentenzi citati mid-difiza fit-trattazzjoni taghha. Fil-fatt tabbraccja dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza **il-Pulizija vs Joseph Brincat** moghtija nhar it-18 ta' Ottubru, 2005 u cioe li " *Id-digriet imsemmi huwa effettiv kontra l-appellant ukoll jekk ma jigix notifikat lilu*" Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Fil-hames aggravju l-appellant jghid li l-Qorti tal-Magistrati naqset milli tindika l-ammont li kellu jhallas lill-kwerelanti ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u li tali ordni kellha tindika l-ammont li kellu ihallas. Bir-rispett kollu, il-Qorti ma hiex qeghda hawn biex tghamel il-matematika biex tara hi dak li ghandu jithallas izda huwa l-kompitu tad-debitu qua appellant li jara kemm fil-fatt ghad baqghalu ihallas. Dan jghamlu billi jara l-ordni tal-Qorti u cioe li ghandu jhallas is-somma ta' €400 fix-xahar, jara kemm fil-fatt hallas u b'hekk ikun jaf il-bilanc dovut.

Cio nonostante din il-Qorti marret oltre u ghamlet il-kalkoli taghha u b'hekk tiddikjara li l-appellant ghad baqghalu ihallas is-somma ta' €136 biex jigi in linea mal-akkuzi odjerni u cioe sat-30 ta' Marzu, 2021. Naturalment dan qed jinghad bla pregudizzju ghal kwalsiasi arretrati ohra li talvolta jistghu jkunu dovuti.

L-ahhar aggravju jitkellem dwar il-piena imposta u cioe li fil-fehma tieghu conditional discharge moghtija ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta hija piena rigoruza. Din il-Qorti pero dwar dan ma taqbilx molto piu meta tqis li l-ewwel Qorti setghet facilmeny tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' prigunerija specjalment meta r-reat in desamina huwa wiehed kontinwat.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward ta' mertu kif ukoll fir-rigward tal-ordni moghtija ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perijdou ta' sena millum u qeghda ukoll tikkonferma l-ordni maghmula ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li l-appellant ghandu ihallas is-somma ta' €136 lill-kwerelanti ai fini ta' din l-istess ordni.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur